II

(Atti mhux leġiżlattivi)

FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2023/904

tas-7 ta' Marzu 2023

dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Sħubija Volontarja bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Kooperattiva tal-Guyana dwar l-infurzar tal-liġi fis-settur forestali, it-tmexxija u l-kummerċ ta' prodotti tal-injam lejn l-Unjoni Ewropea

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l- Artikolu 207(3), l-ewwel subparagrafu, u l-Artikolu 207(4), l-ewwel subparagrafu, flimkien mal-Artikolu 218(6)(a)(v) u mal-Artikolu 218(7) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew ([1]),

Billi:

(1) Fil-21 ta' Mejju 2003, il-Kummissjoni adottat komunikazzjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew intitolata "Infurzar tal-Liġi, Tmexxija u Kummerċ fis-Settur Forestali (FLEGT): Proposta għal Pjan ta' Azzjoni tal-UE. Il-Pjan ta' Azzjoni stabbilit f'dik il-komunikazzjoni ("il-Pjan ta' Azzjoni FLEGT") għamel appell biex jittieħdu miżuri sabiex jiġi indirizzat il-qtugħ illegali tas-siġar għall-injam billi jiġu żviluppati ftehimiet ta' sħubija volontarji ma' pajjiżi li jipproduċu l-injam. Il-Kunsill adotta l-konklużjonijiet tiegħu dwar il-Pjan ta' Azzjoni FLEGT fit-13 ta' Ottubru 2003 u l-Parlament Ewropew adotta r-riżoluzzjoni tiegħu dwar dan is-suġġett fil-11 ta' Lulju 2005.

(2) F'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2022/1974 ([2]), il-Ftehim ta' Sħubija Volontarja bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Kooperattiva tal-Guyana dwar l-infurzar tal-liġi fis-settur forestali, it-tmexxija u l-kummerċ ta' prodotti tal-injam lejn l-Unjoni Ewropea ("il-Ftehim") ġie ffirmat fil-15 ta' Diċembru 2022, soġġett għall-konklużjoni tiegħu f'data iktar tard.

(3) Jenħtieġ li l-Ftehim jiġi approvat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Ftehim ta' Sħubija Volontarja bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Kooperattiva tal-Guyana dwar l-infurzar tal-liġi fis-settur forestali, it-tmexxija u l-kummerċ ta' prodotti tal-injam lejn l-Unjoni Ewropea huwa b'dan approvat f'isem l-Unjoni ([3]).

([1]) Il-Kunsens tal-14 ta' Frar 2023 (għadu ma ġiex ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali).

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2022/1974 tat-13 ta' Ottubru 2022 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim ta' Sħubija Volontarja bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Kooperattiva tal-Guyana dwar l-infurzar tal-liġi fis-settur forestali, it-tmexxija u l-kummerċ ta' prodotti tal-injam lejn l-Unjoni Ewropea (ĠU L 271, 19.10.2022, p. 1).

([3]) Ara paġna 3 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill għandu, f'isem l-Unjoni, jagħti n-notifika prevista fl-Artikolu 33 tal-Ftehim ([4]).

Artikolu 3

L-Unjoni għandha tkun rappreżentata mill-Kummissjoni fil-Kumitat Konġunt ta' Monitoraġġ u Rieżami stabbilit skont l-Artikolu 20 tal-Ftehim.

L-Istati Membri jistgħu jipparteċipaw fil-laqgħat tal-Kumitat Konġunt ta' Monitoraġġ u Rieżami bħala membri tad-delegazzjoni tal-Unjoni.

Artikolu 4

Bl-għan li jiġu emendati l-Annessi tal-Ftehim skont l-Artikolu 27 tal-Ftehim, il-Kummissjoni hija awtorizzata, f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 11(3) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2173/2005 ([5]), li tapprova kwalunkwe tali emenda f'isem l-Unjoni.

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, is-7 ta' Marzu 2023.

Għall-Kunsill
Il-President
L. EDHOLM

([4]) Id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim ser tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.

([5]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2173/2005 tal-20 ta' Diċembru 2005 dwar l-istabbiliment ta' skema ta' liċenzjar FLEGT għall-importazzjoni ta' injam fil-Komunità Ewropea (ĠU L 347, 30.12.2005, p. 1).